MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2007

Avviz Numru. 109/2005

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd**

**Vs**

**Jesmond Sant u b`digriet tas-6 ta` Gunju, 2006 Rita Sant giet kjamata fil-kawza**

Il-Qorti:

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kkundannat li jhallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta` erba` t`elef, tmien mija u tnax il-liri Maltin (Lm4,812), rappresentanti bilanc ta` prezz ta` merkanzija debitament mibjugha u kkonsenjata lil konvenut mill-istess socjeta` attrici, kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza.

Bl-interessi skond il-ligi mid-data tal-konsenja, u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta` qbid u ta` sekwestru ppresentat kontestwalment kontra l-konvenut, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol. 7 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament, it-talbiet attrici hekk kif diretti kontra l-eccippjent Jesmond Sant innifsu huma nfondati stante li d-dejn allegat mis-socjeta` attrici semmaj huwa dejn tal-komunjoni ta` l-akkwisti u ghaldaqstant ikun opportun jekk tigi kjamata l-mara tal-istess eccipjent u cioe` Rita Sant.

*2.* Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju, l-ammont pretiz fit-talba attrici ghandu jigi ridott stante li s-socjeta` attrici kienet irkuprat fil-pussess jew ghadha trid tirkupra fil-pussess taghha xi xoghol li huwa msemmi fl-avviz *de quo.*

Rat id-digriet taghha moghti fis-6 ta` Gunju, 2006 (fol. 14 ibid) u li bih giet kjamata fil-kawza Rita Sant, mart il-konvenut.

Rat ir-<u>risposta</u> ta` l-istess kjamata fil-kawza (fol. 17 ibid) u li biha esponiet bir-rispett:-

1. Illi l-esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi ilha *de facto* separata minn mar-ragel taghha sa mill-hdax (11) ta` Awwissu, elfejn u tlieta (2003) bhal ma jidher mill-annessi Dokumenti (Dok. A u Dok. B);

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-esponent ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi hawn si tratta transazzjoni ta` natura kummercjali gestita unikament mir-ragel Jesmond Sant;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu

rigettati bl-ispejjes, stante illi l-esponenti qatt ma rceviet xejn minghand l-attur.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri kif ukoll l-anness dokument a fol. 18 u fol. 19 ibid.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi Marvin Sapiano prodott mis-socjeta` attrici, bhala *“credit control executive”* (fol. 24 u fol. 45 et seq ibid, meta xehed irrileva illi:-

a) Fil-bidu tal-2004, il-konvenut, li kien jixtri regolarment prodotti minghand is-socjeta` attrici beda jaqa` lura fil-pagamenti.

b) Bhala konsegwenza, is-socjeta` attrici ma kienetx thallset ghal xi xoghol konsenjat lill-konvenut.

c) Dwar dan ix-xhud esebixxa “statement” a fol. 27 et seq ibid.

d) L-istess xhud kompla biex jghid illi fit-18 ta` Marzu, 2005, gie cioe` wara l-presentata ta` dan l-avviz fl-1 ta` Marzu, 2005, prezenti l-konvenut w il-Marixxal tal-Qorti, kien gie maqbud u elevat “equipment” mill-istess hanut (ara l-kopja ta` mandat ta` qbid in atti a fol. 33 et seq ibid liema “equipment” kien f`idejn konsenjatarju.

e) Inoltre, bi ftehim mal-konvenut u fl-istess data, s-socjeta` attrici kienet hadet “stock” mill-istess hanut, liema “stock” kien inbiegh u konsenjat lilu mill-istess socjeta` attrici (ara fol. 35 u fol. 36).

f) Minhabba f`hekk, kienu nhargu “credit notes” favur il-konvenut (ara fol. 29 et seq ibid) “u ghalhekk jirrizulta illi fadal bilanc dovut ta` Lm3,315.70”.

g) L-istess xhud esebixxa d-dokument li jinsab a fol. 41 cioe` “credit application form” u din iffirmata kemm mill-

konvenut kemm minn martu, kjamata f`din il-kawza. Hu eskluda illi kien sar xi ftehim mal-konvenut wahdu.

Ikkunsidrat

Illi, waqt li l-konvenut ma pproduca ebda prova, il-kjamata in kawza (fol. 47 et seq ibid) xehedet illi l-konvenut kien jaghmel l-ordnijiet waqt li hi kienet taffettwa l-pagamenti. F`Mejju, 2003, kien beda l-inkwiet ma` zewgha u wara dan, il-hanut kien gestit mill-konvenut wahdu. Matul l-2004, kienu nbdew il-proceduri ta` separazzjoni bejnha u zewgha li jidher li ghadhom pendenti ovolja kien sar tentattiv ta` ftehim.

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess, jidher li l-bilanc dovut mis-socjeta` attrici jammonta, fil-fatt, ghal Lm3,315.70, liema ammont jifforma parti mid-dejn tal-komunjoni ta` l-akkwisti li ghadha vigenti sa llum bejn il-konvenut u martu u, ghalhekk, l-ammont in kwistjoni kien dovut mill-konjugi Sant, flimkien.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa` t-talba attrici kif ridotta u tikkundanna lill-konvenut u lill-kjamata fil-kawza sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici, s-somma ta` Lm3,315.70, bl-imghax legali mill-ewwel (1) ta` Marzu, 2005 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji ta` qbid u ta` sekwestru tal-ewwel (1) ta` Marzu, 2005, imsemmijin fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------